

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1698

tad-9 ta' Ottubru 2019

dwar standards Ewropej għall-prodotti abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ⁽¹⁾, u b'mod partikulari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 4(2) tagħha,

Billi:

- (1) Skont it-tieni subparagrafu tal-Artikolu 3(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, prodott għandu jitqies bħala sikur, sa fejn u sakemm jirrigwarda r-riskji u l-kategoriji tar-riskji koperti bl-istandards nazzjonali rilevanti, meta jkun konformi mal-istandards nazzjonali volontarji li jittrasponu l-istandards Ewropej, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati mill-Kummissjoni f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, skont l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva.
- (2) Fis-27 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/479/UE ⁽²⁾ dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jintlaħqu mill-istandards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika.
- (3) Permezz tal-ittra M/507 tal-5 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni għamlet talba lis-CEN biex ifassal standards Ewropej li jindirizzaw ir-riskji ewlenin assoċjati mat-tagħmir tal-ġinnastika skont ir-rekwiżiti tas-sikurezza. Abbażi ta' din it-talba, is-CEN adotta l-istandard: EN 913:2008 għat-tagħmir tal-ġinnasju – rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà u metodi ta' ttestjar Ir-referenza ta' dan l-istandard ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea ⁽³⁾ fil-11 ta' Lulju 2014 fuq il-bażi tad-Deċiżjoni 2014/357/UE ⁽⁴⁾.
- (4) Fid-dawl ta' għarfien ġdid u tal-iżvilupp tas-suq, is-CEN abbozza standard Ewropew ġdid EN 913:2018.
- (5) L-istandard Ewropew EN 913:2018 jikkonforma mar-rekwiżit ġenerali tas-sigurtà stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, ir-referenza tiegħu għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.
- (6) Fid-29 ta' Novembru 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/786/UE ⁽⁵⁾ dwar ir-rekwiżiti ta' sigurtà li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għar-roti, ir-roti għat-tfal żgħar, u l-mezzi ta' ġarr fuq ir-rotta.

⁽¹⁾ ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4.⁽²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/479/UE tas-27 ta' Lulju 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jintlaħqu mill-istandards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 197, 29.7.2011, p. 13).⁽³⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 267/03 fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU C 267, 11.8.2017, p. 7).⁽⁴⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/357/UE tat-13 ta' Ġunju 2014 dwar il-konformità tal-istandards Ewropej serje EN 957 (partijiet 2 u 4-10) u EN ISO 20957 (parti 1) għal tagħmir fiss għat-taħriġ u ta' għaxar standards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' dawk l-istandards f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea (ĠU L 175, 14.6.2014, p. 40).⁽⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/786/UE tad-29 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' sigurtà li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għar-roti, ir-roti għat-tfal żgħar, u l-mezzi ta' ġarr fuq ir-rotta skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 319, 2.12.2011, p. 106).

- (7) Permezz tal-ittra M/508 tas-6 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni għamlet talba lis-CEN biex ifassal standards Ewropej li jindirizzaw ir-riskji ewlenin assoċjati mar-roti, ir-roti għat-tfal żgħar u l-mezzi ta' ġarr fuq ir-rotta skont ir-rekwiżiti tas-sikurezza. Abbażi ta' din it-talba, is-CEN adotta serje ta' standards: EN ISO 4210-2:2014 għar-rekwiżiti għal roti li jintużaw fil-bliet u fl-ivvjaġġar fl-għoljiet, fuq muntanji, u għat-tlielaq u EN ISO 4210-6: 2014 għall-metodi tal-ittejtjar tal-frejm u tal-furketta. Ir-referenzi ta' dawn l-istandards ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽⁶⁾ fuq il-bażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/681 ⁽⁷⁾.
- (8) Fid-dawl ta' għarfien ġdid u tal-iżvilupp tas-suq, is-CEN abbozza standards Ewropej ġodda EN ISO 4210-2-2015 u EN ISO 4210-6-2015.
- (9) L-istandards EN ISO 4210-2-2015 u EN ISO 4210-6-2015 jissodisfaw huma konformi mar-rekwiżit ġenerali tas-sikurezza stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenzi tagħhom għaldaqstant għandhom jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (10) Abbażi tat-talba M/508 tas-6 ta' Settembru 2012 tal-Kummissjoni, is-CEN adotta l-istandard: EN 14872:2006 għar-roti – aċċessorji għal roti – kontenitur fejn jinġarru l-bagalji. Ir-referenza ta' dan l-istandard ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽⁸⁾ fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/514/KE ⁽⁹⁾.
- (11) Fid-dawl ta' għarfien ġdid u tal-iżvilupp tas-suq, is-CEN abbozza standard Ewropew ġdid EN ISO 11243:2016.
- (12) L-istandard Ewropew EN ISO 11243:2016 jikkonforma mar-rekwiżit ġenerali tas-sikurezza stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, ir-referenza tiegħu jeħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (13) Fil-25 ta' Marzu 2008, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2008/264/KE ⁽¹⁰⁾ dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza li jridu jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għas-sigaretti..
- (14) Permezz tal-ittra M/425 tas-27 ta' Ġunju 2008, il-Kummissjoni għamlet talba lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni (CEN) biex ifassal standards Ewropej li jindirizzaw ir-riskji ewlenin assoċjati mas-sigaretti skont ir-rekwiżiti tas-sikurezza kontra n-nirien. Abbażi ta' din it-talba, is-CEN adotta l-istandard: EN ISO 12863:2010 dwar il-metodu ta' ttestjar għall-valutazzjoni tal-propensità ta' qbid tas-sigaretti. Ir-referenza ta' dan l-istandard ġiet ippubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽¹¹⁾ fuq il-bażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/496/UE ⁽¹²⁾.
- (15) Fid-dawl ta' għarfien ġdid u tal-iżvilupp tas-suq, is-CEN emenda l-istandard EN ISO 12863:2010 billi adotta l-emenda EN ISO 12863:2010/A1:2016.
- (16) L-emenda EN ISO 12863:2010/A1:2016 hija konformi mar-rekwiżit ġenerali tas-sikurezza stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, ir-referenza tagħha jeħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (17) Fis-27 ta' Lulju 2011, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2011/476/UE ⁽¹³⁾ dwar ir-rekwiżiti tas-sikurezza li jridu jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal tagħmir fiss għat-taħriġ.

⁽⁶⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 267/03 fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU C 267, 11.8.2017, p. 7).

⁽⁷⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/681 tad-29 ta' April 2015 dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandard EN ISO 4210, il-partijiet 1-9, għal roti tal-bliet u tal-ivvjaġġar fit-tul, roti tal-muntanja u roti għat-tiġrijiet, u tal-istandard EN ISO 8098 għal roti għat-tfal żgħar f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 111, 30.4.2015, p. 30).

⁽⁸⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 267/03 fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU C 267, 11.8.2017, p. 7).

⁽⁹⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/514/KE tal-20 ta' Lulju 2006 dwar il-konformità ta' ċerti standards mal-kriterju ġenerali ta' sigurtà tad-Direttiva 2001/95/KE u l-pubblikazzjoni tar-referenzi tagħhom fil-Ġurnali Uffiċjali (ĠU L 200, 22.7.2006, p. 35).

⁽¹⁰⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/264/KE tal-25 ta' Marzu 2008 dwar rekwiżiti ta' sikurezza kontra n-nar li għandhom jiġu sodisfatti mill-istandards Ewropej għas-sigaretti skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 83, 26.3.2008, p. 35).

⁽¹¹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 267/03 fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU C 267, 11.8.2017, p. 7).

⁽¹²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/496/UE tad-9 ta' Awwissu 2011 dwar il-konformità tal-istandard EN 16156:2010 "Sigaretti – Valutazzjoni tat-tendenza li jaqbd u – Rekwiżit tas-sigurtà" u l-istandard EN ISO 12863:2010 "Metodu standard ta' ttestjar għall-valutazzjoni ta' kemm is-sigaretti jaqbd malajr" bir-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE u l-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandard EN 16156:2010 "Sigaretti – Valutazzjoni tat-tendenza li jaqbd u – Rekwiżit tas-sigurtà" u tal-istandard EN ISO 12863:2010 "Metodu standard ta' ttestjar għall-valutazzjoni ta' kemm is-sigaretti jaqbd malajr" f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 205, 10.8.2011, p. 31).

⁽¹³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/476/UE tas-27 ta' Lulju 2011 dwar rekwiżiti ta' sigurtà li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal tagħmir fiss għat-taħriġ skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 196, 28.7.2011, p. 16).

- (18) Permezz tal-ittra M/506 tal-5 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni għamlet talba lis-CEN biex ifassal standards Ewropej li jindirizzaw ir-riskji ewlenin assoċjati ma' tagħmir fiss għat-taħriġ skont ir-rekwiżiti tas-sikurezza. Abbażi ta' din it-talba, is-CEN adotta sensiela ta' standards: EN 957-4:2006+A1:2010 għall-bankijiet għal taħriġ tas-saħħa, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi għas-saħħa u metodi ta' ttestjar; EN 957-5:2009 għat-tagħmir għal taħriġ li jaħdem bil-pedala tal-krank, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar, EN 957-8:1998 għat-tagħmir għal tluġh ta' turġien, apparati li jitilgħu t-turġien u apparat tat-tluġh. Rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar, EN 957-9:2003 għat-tagħmir ta' taħriġ elitiku, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar, kif ukoll EN 957-10:2005 għar-roti għall-eżerċizzju b'rota fissa jew bla rota libera, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar. Ir-referenzi ta' dawn l-istandards ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽¹⁴⁾ fuq il-bażi tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/357/UE.
- (19) Fid-dawl ta' għarfien ġdid u tal-iżvilupp tas-suq, is-CEN abbozza l-istandards ġodda EN ISO 20957-4:2016, EN ISO 20957-5:2016, EN ISO 20957-8:2017, EN ISO 20957-9:2016 u EN ISO 20957-10:2017.
- (20) L-istandards Ewropej EN ISO 20957-4:2016, EN ISO 20957-5:2016, EN ISO 20957-8:2017, EN ISO 20957-9:2016 u EN ISO 20957-10:2017 jikkonformaw mar-rekwiżit tas-sikurezza ġenerali stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenzi tagħhom għaldaqstant jeħtieġ li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (21) Fil-21 ta' April 2005, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2005/323/KE ⁽¹⁵⁾ dwar il-ħtiġijiet għas-sigurtà li għandhom jitwettqu mill-istandards Ewropej għal oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fuq jew fl-ilma.
- (22) Permezz tal-ittra M/372 tal-5 ta' Settembru 2012, il-Kummissjoni għamlet talba lis-CEN biex ifassal standards Ewropej li jindirizzaw ir-riskji ewlenin assoċjati ma' oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fl-ilma jew fuqu skont ir-rekwiżiti ta' sikurezza. Abbażi ta' din it-talba, is-CEN adotta sensiela ta' standards: EN 15649-1:2009+A2:2013, EN 15649-2:2009+A2:2013, EN 15649-3:2009+A1:2012, EN 15649-4:2010+A1:2012, EN 15649-5:2009, EN 15649-6:2009+A1:2013, EN 15649-7:2009 għall-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fl-ilma jew fuqu. Ir-referenzi ta' din is-serje ta' standards ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽¹⁶⁾ fuq il-bażi tad-Deċiżjonijiet ta' Implimentazzjoni 2014/359/UE ⁽¹⁷⁾, 2014/875/UE ⁽¹⁸⁾ u 2013/390/UE ⁽¹⁹⁾.
- (23) Fid-dawl ta' għarfien ġdid u tal-iżvilupp tas-suq, is-CEN abbozza serje ġdida ta' standards Ewropej EN ISO 25649:2017 (il-partijiet 1-7).
- (24) L-istandards EN 25649:2017 (il-partijiet 1-7) huma konformi mar-rekwiżit ġenerali tas-sikurezza stabbilit fid-Direttiva 2001/95/KE. Ir-referenzi tagħhom għaldaqstant jeħtieġ li jiġu ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.
- (25) L-istandards Ewropej EN 913:2008, EN 957-4:2006+A1:2010, EN 957-5:2009, EN 957-8:1998, EN 957-9:2003, EN 957-10:2005, EN ISO 4210-2:2014, EN ISO 4210-6:2014, EN 14872:2006 u s-serje EN 15649 huma sostitwiti bi standards Ewropej ġodda jew emendati li r-referenzi tagħhom għandhom jiġu ppubblikati b'din id-Deċiżjoni. Għalhekk, hemm bżonn li r-referenzi ta' dawn l-istandards jiġu rtirati minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽²⁰⁾.

⁽¹⁴⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 267/03 fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU C 267, 11.8.2017, p. 7).

⁽¹⁵⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/323/KE tal-21 ta' April 2005 dwar il-ħtiġijiet għas-sigurtà li għandhom jitwettqu mill-istandards Ewropej għal oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fuq jew fl-ilma in segwitu għad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 104, 23.4.2005, p. 39).

⁽¹⁶⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 267/03 fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU C 267, 11.8.2017, p. 7).

⁽¹⁷⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/359/UE tat-13 ta' Ġunju 2014 dwar il-konformità tal-istandards Ewropej EN 15649-1:2009+A2:2013 and EN 15649-6:2009+A1:2013 għal oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu għar-rikreazzjoni fuq l-ilma jew fl-ilma mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' daww l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 175, 14.6.2014, p. 45)

⁽¹⁸⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/875/UE tal-18 ta' Diċembru 2014 dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandard EN 15649-2:2009+A2:2013 għall-oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fil-ħin liberu fl-ilma jew fuqu u tar-referenzi tal-istandard EN 957-6:2010+A1:2014 għat-tagħmir fiss għat-taħriġ f' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 349, 5.12.2014, p. 65).

⁽¹⁹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2013/390/UE tat-18 ta' Lulju 2013 dwar il-konformità tal-istandards Ewropej serje EN 15649 (partijiet 1-7) għal oġġetti li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fuq l-ilma jew fl-ilma mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u l-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' daww l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 196, 19.7.2013, p. 22).

⁽²⁰⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 267/03 fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU C 267, 11.8.2017, p. 7).

- (26) Fl-interessi taċ-ċarezza, lista sħiħa ta' referenzi tal-istandards Ewropej abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE u li jissodisfaw ir-rekwiżiti li għandhom l-għan li jkopru għandha tiġi ppubblikati fatt wieħed. Ir-referenzi tal-istandards Ewropej li huma ppubblikati bħalissa f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ⁽²¹⁾ jeħtieġ għalhekk li jiġu inklużi f'din id-Deċiżjoni. Konsegwentement, hemm bżonn li jitħassru d-Deċiżjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni dwar il-pubblikazzjoni ta' dawn l-istandards.
- (27) Il-konformità mal-istandard nazzjonali rilevanti li jittrasponi l-istandard Ewropej li r-referenzi tiegħu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tagħti preżunzjoni ta' sikurezza sa fejn jirrigwarda r-riskji u l-kategoriji ta' riskji koperti mill-istandard nazzjonali rilevanti, mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza tal-istandard Ewropej f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk jeħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha,
- (28) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bid-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-referenzi tal-istandards Ewropej għall-prodotti abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE u elenkati fl-Anness I ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 2

Ir-referenzi tal-istandards għall-prodotti abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE u elenkati fl-Anness II ta' din id-Deċiżjoni huma b'dan imħassra minn *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Artikolu 3

Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004) 1493 ⁽²²⁾, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/718/KE ⁽²³⁾, id-Deċiżjoni 2006/514/KE, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/18/KE ⁽²⁴⁾, id-Deċiżjoni 2011/496/UE, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/29/UE ⁽²⁵⁾, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2013/390/UE, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/357/UE, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/358/UE ⁽²⁶⁾, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/359/UE, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/531/UE ⁽²⁷⁾, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/875/UE, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/681, id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1345 ⁽²⁸⁾ u d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/1014 ⁽²⁹⁾ huma mħassra.

⁽²¹⁾ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2017/C 267/03 fil-qafas tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU C 267, 11.8.2017, p. 7).

⁽²²⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2004)1493 tat-23 ta' April 2004 dwar il-konformità ta' ċerti standards mal-kriterju ġenerali ta' sigurtà tad-Direttiva 2001/95/KE u l-pubblikazzjoni tar-referenzi tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali*.

⁽²³⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2005/718/KE tat-13 ta' Ottubru 2005 dwar il-konformità ta' ċerti standards mal-kriterju ġenerali ta' sigurtà tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill u l-pubblikazzjoni tar-referenzi tagħhom fil-*Ġurnal Uffiċjali* (ĠU L 271, 15.10.2005, p. 51).

⁽²⁴⁾ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/18/KE tat-22 ta' Diċembru 2008 dwar il-konformità tal-istandard EN 1273:2005 fir-rigward ta' oqfsa tal-mixi għat-trabi mar-rekwiżit tas-sigurtà tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill u l-pubblikazzjoni tar-referenza tal-istandard fil-*Ġurnal Uffiċjali* (ĠU L 8, 13.1.2009, p. 29).

⁽²⁵⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2012/29/UE tal-13 ta' Jannar 2012 fuq il-konformità tal-istandard EN 60065:2002/A12:2011 "Awdjo, vidjow, u apparati elettroniċi simili – Rekwiżiti ta' sigurtà" u tal-istandard EN 60950-1:2006/A12:2011 "Tagħmir tat-teknoloġija tal-informatika – Sigurtà – Parti 1: Rekwiżiti ġenerali" mar-rekwiżit ġenerali ta' sikurezza tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill u fuq il-pubblikazzjoni ta' dawk l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 13, 17.1.2012, p. 7).

⁽²⁶⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/358/UE tat-13 ta' Ġunju 2014 dwar il-konformità tal-istandard Ewropej EN 16281:2013 għal apparat ta' sokor installat mill-konsumatur għal twieqi u bibien tal-gallarija sikuri għat-tfal mar-rekwiżit ta' sigurtà ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill u l-pubblikazzjoni tar-referenza ta' dak l-istandard f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 175, 14.6.2014, p. 43).

⁽²⁷⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/531/UE tal-14 ta' Awwissu 2014 dwar il-konformità tal-istandards Ewropej EN 16433:2014 u EN 16434:2014 u ta' ċerti klawsooli tal-istandard Ewropej EN 13120:2009+A1:2014 għal tendini interni mar-rekwiżit ta' sikurezza ġenerali tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill u l-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' dawk l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU L 243, 15.8.2014, p. 54).

⁽²⁸⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1345 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi ta' standards dwar lazzijiet u qfeli fl-ilbies tat-tfal, dwar kerrikots u stands, dwar barrieri ta' sikurezza u dwar unitajiet għat-tibdil għal użu domestiku f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill (ĠU L 207, 4.8.2015, p. 73).

⁽²⁹⁾ Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/1014 tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar il-pubblikazzjoni tar-referenzi tal-istandards Ewropej EN 13869:2016 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza fil-lajters fil-konfront tat-tfal, u EN 13209-2:2015 dwar it-tagħmir għall-ġarr tat-trabi f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropej u tal-Kunsill (ĠU L 153, 16.6.2017, p. 36).

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, id-9 ta' Ottubru 2019.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER

ANNEX I

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN 581-1:2006 Għamara li titħalla fil-beraħ - Siġġijiet u mwejjed għall-użu ta' kkampjar, domestiċi u f'kuntratti - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali ta' sigurtà
2.	EN 913:2018 Tagħmir tal-ġinnastika - Rekwiżiti ġenerali ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
3.	EN 914:2008 Tagħmir tal-ġinnastika - Żbarri paralleli u kombinazzjoni ta' żbarri asimetriċi/paralleli - Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar inkluża sigurtà
4.	EN 915:2008 Tagħmir tal-ġinnastika - Żbarri asimetriċi - Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar inkluża sigurtà
5.	EN 916:2003 Tagħmir tal-ġinnastika - Kaxxi għall-qbiż arko-batiku minn fuqhom - Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar inkluża sigurtà
6.	EN 957-2:2003 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 2: Tagħmir għal taħriġ tas-saħħa, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi għas-sigurtà u metodi ta' ttestjar
7.	EN 957-6:2010+A1:2014 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 6: Treadmills, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi għas-sigurtà u metodi ta' ttestjar
8.	EN 957-7:1998 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 7: Magni tal-qdif, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
9.	EN 1129-1:1995 Għamara - Sodod li jingħalqu u jintrefgħu - Parti 1: Rekwiżiti ta' sigurtà
10.	EN 1129-2:1995 Għamara - Sodod li jingħalqu u jintrefgħu - Rekwiżiti ta' sigurtà u ttestjar - Parti 2: Metodi ta' ttestjar
11.	EN 1130-1:1996 Għamara - Bennieni u sodod għal użu domestiku - Parti 1: Rekwiżiti ta' sigurtà
12.	EN 1130-2:1996 Għamara - Bennieni u sodod għal użu domestiku - Parti 2: Metodi ta' ttestjar
13.	EN 1273:2005 Artikli li jintużaw mit-tfal u għall-kura tat-tfal - Frejms għall-mixi tat-trabi - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
14.	EN 1466:2014 Artikli għall-kura tat-tfal - Sodod zġhar għat-trabi li jistgħu jingħarri u fuq ixi jiqiegħdu - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
15.	EN 1651:1999 Tagħmir għal igglajdjar bil-paraxut - Arneżijiet - Rekwiżiti ta' sigurtà u testijiet tas-saħħa
16.	EN 1930:2011 Oġġetti għall-użu u kura tat-tfal - Ilqugħ ta' sigurtà - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
17.	EN ISO 4210-1:2014 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 1: Termini u definizzjonijiet (ISO 4210-1:2014)
18.	EN ISO 4210-2:2015 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 2: Rekwiżiti għal roti li jintużaw fl-ibliet u fl-ivvjaġġar fl-għoljiet, fuq muntanji, u għat-tlielaq (ISO 4210-2:2015)
19.	EN ISO 4210-3:2014 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 3: Metodi ta' ttestjar komuni (ISO 4210-3:2014)

Nru	Referenza tal-istandard
20.	EN ISO 4210-4:2014 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 4: Metodi ta' ttestjar tal-brejkijiet (ISO 4210-4:2014)
21.	EN ISO 4210-5:2014 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 5: Metodi ta' ttestjar tal-istering (ISO 4210-5:2014, Corrected version 2015-02-01)
22.	EN ISO 4210-6:2015 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 6: Metodi tal-ittestjar tal-frejms u tal-furketta (ISO 4210-6:2015)
23.	EN ISO 4210-7:2014 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 7: Metodi ta' ttestjar għar-roti u r-rimmijiet (ISO 4210-7:2014)
24.	EN ISO 4210-8:2014 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 8: Metodi ta' ttestjar ta' pedali u kranks (ISO 4210-8:2014)
25.	EN ISO 4210-9:2014 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 9: Metodi ta' ttestjar ta' sargijiet u mqagħad (ISO 4210-9:2014)
26.	EN ISO 8098:2014 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għal roti ta' tfal żgħar (ISO 8098:2014)
27.	EN ISO 9994:2006 Lajters - Specificazzjoni ta' sigurtà (ISO 9994:2005)
28.	EN ISO 11243:2016 Roti - ġarriera tal-bagalji għar-roti - Rekwiżiti u metodi tat-ttestjar (ISO 11243:2016)
29.	EN 12196:2003 Tagħmir tal-ġinnastika - Żwiemel għal prattiċi akrobatiċi - Rekwiżiti funzjonali u ta' sigurtà, metodi ta' ttestjar
30.	EN 12197:1997 Tagħmir tal-ġinnastika - Żbarri orizzontali - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
31.	EN 12221-1:2008+A1:2013 Oġġetti għall-użu u kura tat-tfal - Unitajiet għat-tibdil għall-użu domestiku - Parti 1: Rekwiżiti ta' sigurtà
32.	EN 12221-2:2008+A1:2013 Oġġetti għall-użu u kura tat-tfal - Unitajiet għat-tibdil għall-użu domestiku - Parti 2: Metodi ta' ttestjar
33.	EN 12346:1998 Tagħmir tal-ġinnastika - Żbarri mal-ħajt, sliem kannizzata u frejms tat-tixbit - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
34.	EN 12432:1998 Tagħmir tal-ġinnastika - Travi tal-ibbilanċjar - Rekwiżiti funzjonali u ta' sigurtà, metodi ta' ttestjar
35.	EN 12491:2001 Tagħmir għal igglajdjar bil-paraxut - Paraxut ta' emerġenza - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
36.	EN 12655:1998 Tagħmir tal-ġinnastika - Ċrieki mdendlin - Rekwiżiti funzjonali u ta' sigurtà, metodi ta' ttestjar
37.	EN ISO 12863:2010 Metodu standard ta' ttestjar għall-valutazzjoni ta' kemm is-sigaretti jaqbd u malajr (ISO 12863:2010) EN ISO 12863:2010/A1:2016
38.	EN 13120:2009+A1:2014 Purtieri bil-listi jintrikbu fuq ġewwa - Rekwiżiti ta' operat fosthom sigurtà
39.	EN 13209-1:2004 Oġġetti għall-użu u kura tat-tfal - Pramms tat-trabi - Rekwiżiti ġenerali ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar - Parti 1: Pramms bid-dahar iffrejmat

Nru	Referenza tal-istandard
40.	EN 13209-2:2015 Oġġetti għall-użu u kura tat-tfal – Pramms tat-trabi – Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar - Parti 2: Pramm ta' materjal artab
41.	EN 13219:2008 Tagħmir tal-Ġinnastika - Trampolini - Rekwiżiti funzjonali u ta' sigurtà, metodi ta' ttestjar
42.	EN 13319:2000 Aċċessorji għall-għadis taħt l-ilma - Apparat biex ikejje l-fond u apparati li jkejju l-fond u l-ħin flimkien - Rekwiżiti funzjonali u ta' sigurtà, metodi ta' ttestjar
43.	EN 13869:2016 Lajters - Rekwiżiti ta' sigurtà għat-tfal - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
44.	EN 13899:2003 Tagħmir għal sports fuq ir-roti - Skejz bir-roti - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
45.	EN 14059:2002 Lampi taż-żejt dekorattivi - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
46.	EN 14344:2004 Oġġetti li jintużaw mit-tfal u għall-kura tagħhom - Mqagħad għat-tfal għal roti - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
47.	EN 14350-1:2004 Oġġetti li jintużaw mit-tfal u għall-kura tagħhom - Apparat tax-xorb - Parti 1: Rekwiżiti u testijiet ġenerali u mekkaniċi
48.	EN 14682:2014 Sigurtà tal-ilbies tat-tfal - Qfieli u qfieli tal-qadd fi lbies tat-tfal - Speċifikazzjonijiet
49.	EN 16156:2010 Sigaretti - Valutazzjoni tat-tendenza li jaqbd u - Rekwiżit tas-sigurtà
50.	EN 16281:2013 Prodotti maħsubin għall-ħarsien tat-tfal - Apparati li jilokkjaw twieqi u bibien ta' gallariji reżistenti għat-tbagħbis mit-tfal u mwaħħlin mill-konsumatur - Rekwiżiti ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
51.	EN 16433:2014 Purtieri bil-listi jintrikbu fuq ġewwa - Protezzjoni minn periklu ta' tgħalliq - Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar għal apparat ta' sigurtà
52.	EN 16434:2014 Purtieri bil-listi jintrikbu fuq ġewwa - Protezzjoni minn periklu ta' tgħalliq - Rekwiżiti u metodi ta' ttestjar għal apparat ta' sigurtà
53.	EN ISO 20957-1:2013 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar (ISO 20957-1:2013)
54.	EN ISO 20957-4:2016 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 4: Bankijiet għal taħriġ tas-saħħa, rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar (ISO 20957-4:2016)
55.	EN ISO 20957-5:2016 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 5: Roti għall-eżerċizzju fissi u tagħmir għal taħriġ li jaħdem bil-pedala tal-krank, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar (ISO 20957-5:2016)
56.	EN ISO 20957-8:2017 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 8: Tagħmir għal tluġħ ta' turġien, apparati li jutilgħu t-turġien u apparat tat-tluġħ - Rekwiżiti addizzjonali speċifiċi għas-sigurtà u metodi ta' ttestjar (ISO 20957-8:2017)
57.	EN ISO 20957-9:2016 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 9: Tagħmir ta' taħriġ elittiku, rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar (ISO 20957-9:2016)
58.	EN ISO 20957-10:2017 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 10: Roti għall-eżerċizzju b'rota fissa jew bla rota libera - Rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar (ISO 20957-10:2017)

Nru	Referenza tal-istandard
59.	EN ISO 25649-1:2017 Oġġetti ta' rikreazzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fl-ilma jew fuqu - Parti 1: Klassifikazzjoni, materjali, rekwiżiti ġenerali u metodi ta' ttestjar (ISO 25649-1:2017)
60.	EN ISO 25649-2:2017 Oġġetti ta' rikreazzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fl-ilma jew fuqu - Parti 2: Informazzjoni għall-konsumatur (ISO 25649-2:2017)
61.	EN ISO 25649-3:2017 Oġġetti ta' rikreazzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fl-ilma jew fuqu - Parti 3: Rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar għall-apparati tal-Klassi A (ISO 25649-3:2017)
62.	EN ISO 25649-4:2017 Oġġetti ta' rikreazzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fl-ilma jew fuqu - Parti 4: Rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar għal apparati tal-Klassi B (ISO 25649-4:2017)
63.	EN ISO 25649-5:2017 Oġġetti ta' rikreazzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fl-ilma jew fuqu - Parti 5: Rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar għall-apparati tal-Klassi A (ISO 25649-5:2017)
64.	EN ISO 25649-6:2017 Oġġetti ta' rikreazzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fl-ilma jew fuqu - Parti 6: Rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar għal apparati tal-Klassi D (ISO 25649-6:2017)
65.	EN ISO 25649-7:2017 Oġġetti ta' rikreazzjoni li jżommu f'wiċċ l-ilma għall-użu fl-ilma jew fuqu - Parti 7: Rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar għall-apparati tal-Klassi E (ISO 25649-7:2017)
66.	EN 60065:2002 Apparat awdjo, vidjow, u apparat elettroniku simili - Rekwiżiti ta' sigurtà IEC 60065:2001 (Modifikat) EN 60065:2002/A12:2011
67.	EN 60950-1:2006 Apparat tat-Teknoloġija tal-Infommazzjoni - Sigurtà - Parti 1: Rekwiżiti ġenerali IEC 60950-1:2005 (Modifikat) EN 60950-1:2006/A12:2011

ANNEX II

Nru	Referenza tal-istandard
1.	EN 913:2008 Tagħmir tal-ġinnastika – Rekwiżiti ġenerali tas-sigurtà u metodi ta' ttestjar
2.	EN 957-4:2006+A1:2010 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 4: Bankijiet għal taħriġ tas-saħħa, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
3.	EN 957-5:2009 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 5: Roti għall-eżerċizzju fissi u tagħmir għal taħriġ li jaħdem bil-pedala tal-krank, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
4.	EN 957-8:1998 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 8: Tagħmir għal tluġh ta' turġien, apparati li jutilghu t-turġien u apparat tat-tluġh - Rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
5.	EN 957-9:2003 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 9: Tagħmir ta' taħriġ elittiku, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
6.	EN 957-10:2005 Tagħmir stazzjonarju ta' taħriġ - Parti 10: Roti għall-eżerċizzju b'rota fissa jew bla rota libera, rekwiżiti addizzjonali speċifiċi ta' sigurtà u metodi ta' ttestjar
7.	EN ISO 4210-2:2014 Roti - Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti - Parti 2: Rekwiżiti għal roti li jintużaw fl-ibliet u fl-ivvjaġġar fl-għoljiet, fuq muntanji, u għat-tlielaq (ISO 4210-2:2014)
8.	EN ISO 4210-6:2014 Roti – Rekwiżiti ta' sigurtà għar-roti – Parti 6: Metodi tal-ittestjar tal-frejm u tal-furketta (ISO 4210-6:2014)
9.	EN ISO 12863:2010 Metodu standard ta' ttestjar għall-valutazzjoni ta' kemm is-sigaretti jaqdbu malajr (ISO 12863:2010)
10.	EN 14872:2006 Roti - Aċċessorji għal roti - Kontenitur fejn jinġarru l-bagalji
11.	EN 15649-1:2009+A2:2013 Oġġetti għas-serħan li jżommu f'wiċċ l-ilma biex jintużaw fuq u fl-ilma - Parti 1: Klassifikazzjoni, materjali, rekwiżiti ġenerali u metodi ta' ttestjar
12.	EN 15649-2:2009+A2:2013 Oġġetti għas-serħan li jżommu f'wiċċ l-ilma biex jintużaw fuq u fl-ilma – Parti 2: Informazzjoni għall-konsumatur
13.	EN 15649-3:2009+A1:2012 Oġġetti għas-serħan li jżommu f'wiċċ l-ilma biex jintużaw fuq u fl-ilma – Parti 3: Rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar għal apparati ta' Klassi A
14.	EN 15649-4:2010+A1:2012 Oġġetti għas-serħan li jżommu f'wiċċ l-ilma biex jintużaw fuq u fl-ilma - Parti 4: Rekwiżiti ta' sigurtà speċifiċi addizzjonali u metodi ta' ttestjar għal apparati tal-Klassi B
15.	EN 15649-5:2009 Oġġetti għas-serħan li jżommu f'wiċċ l-ilma biex jintużaw fuq u fl-ilma - Parti 5: Rekwiżiti addizzjonali ta' sigurtà speċifiċi u metodi ta' ttestjar għal apparati ta' Klassi C
16.	EN 15649-6:2009+A1:2013 Oġġetti għas-serħan li jżommu f'wiċċ l-ilma biex jintużaw fuq u fl-ilma – Parti 6: Rekwiżiti addizzjonali ta' sigurtà speċifiċi u metodi ta' ttestjar għal apparati ta' Klassi D
17.	EN 15649-7:2009 Oġġetti għas-serħan li jżommu f'wiċċ l-ilma biex jintużaw fuq u fl-ilma – Parti 7: Rekwiżiti addizzjonali ta' sigurtà speċifiċi u metodi ta' ttestjar għal apparati ta' Klassi E